**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Denise Mula )

Ufficjal ta’ l-Immigrazzjoni

**vs**

**Said K.H. A. Abousouia**

Illum 23 ta` April 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Said K.H**.** A. Abousouia talli

matul dawn l-ahhar jiem f’dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta

u aktar talli matul l-istess zmien , lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

u aktar talli matul dawn l-ahhar xhur , minghajr ma inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali ta' l-Emigrazjoni, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Issibu hati.

Rat l-art. 5 tal-Kap 61, l-art 189 tal-Kap 9, l-art 5 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-art. 28A tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imseemi artikolu 28A stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzat.

Tikkundana lil- hati ghall-sena habs, liema sentenza ma ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jghamel reat iehor soggett ghall-piena ta' prigunerija fi zmien tliet snin (3) mil-lum.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ‘ai termini’ tal-Kap 217(5) tal-Ligijiet ta’Malta , tilqagha u tordna l-hrug ta’ ordni ta’ tnehhija kontra l-akkuzat stante li hu immigrant ipprojbit.

(ft) Dr. Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera Kopja

M.Mifsud (Dep. Registratur)